MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 646/1997/1

**Saviour Cilia u Loredana Cilia**

**vs**

**Gasan Insurance Agency Limited u dina bhala Agent u mandatarja tas-socjeta estera Generali Accident Fire And Life Assurance Corporation plc ta' Perth, Skozia u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Macario u Cecilia konjugi Mifsud skond il-ligi u skond il-polza tal-assikurazzjoni (Claim File 958352)**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta' Mejju, 1999 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tal-attur fejn ippremetta:-

Illi fis-17 ta' Jannar 1997 il-Qorti tal-Magistrati Malta fil-kawza Avviz Numru 1042/96 fl-ismijiet "Gasan Insurance Agency Limited vs Saviour Cilia et" tghat sentenza billi laqghat it-talbiet ta' Gasan Insurance Agency Limited fis-sens li Saviour u Loredana konjugi Cilia jigu kkundannati ihallsu lill-istess is-somma ta' sitt mitt lira maltija rappresentanti valur ta' danni sofferti mill-assigurati tal-attur nomine, b'incident li gara fis-27 ta' Settembru 1995 meta dahal kwantita` ta' ilma gewwa l-proprjeta taghhom Hacinda Flat 5, Triq il-Granmastri, Marsascala, liema incident gara unikament htija taghhom, billi naqsu milli jzommu l-poprjeta taghhom adjacenti fi stat tajjeb ta' manutezjoni u minghajr ma hadu l-prekawzjonijiet adegwati ghax-xita, bl-imghax legali u bl-ispejjez.

Illi l-istess sentenza hija vvizzjata billi kif anke jirrizulta mic-certifikati ta' twelid anness mac-citazzjoni Saviour Cilia u Loredana qatt ma kienu mizzewgin anzi Loredana Cilia tigi bint Saviour Cilia, Dokument A u B:

Illi Loredana Cilia kif anke jirrizulta mill-atti tal-kawza fuq imsemmija qatt ma giet notifikata bl-avviz ghas-smiegh tal-istess kawza u ghalhekk is-sentenza ittiehdet hazin kontra taghha;

Illi fil-konfront ta' Saviour Cilia l-gudizzju ma kienx integru ghaliex ma kienetx imharrka mieghu wkoll martu Iris Cilia li kienet necessarja sabiex il-gudizzju ikun integru stante n-natura tat-talba u l-esistenza tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-istess konjugi, illi ghalhekk Saviour Cilia wahdu ma kienx legittimu kontradittur fil-kawza;

Illi s-sentenza fuq imsemmija kienet effettivament l-effett ta' zball li jidher mill-atti billi mill-istess atti ma jidher li kien hemm l-ebda prova ta' responsabbilita da parti ta' l-istess Cilia ghall-hsara kkawzata u ghalhekk ukoll il-Qorti applikat il-ligi hazin ghaliex ma kienx hemm bazi fil-ligi ghal tali responsabilita`;

Illi ghalhekk is-sentenza tista' tigi ritrattta billi hija vizzjata ghat tenur tal-Artikolu 811(b) billi c-citazzjoni ma kenitx notifikata lill-parti telliefa, ghat-tenur tal-artikolu 811(c) billi

l-partijiet ma kienux persuni legittimi fil-gudizzju, ghat-tenur tal-artikolu 811(e) billi s-sentenza applikat il-ligi hazin u ghat-tenur tal-Artikolu 811(l) billi s-sentenza kienet l-effett taz-zball li jidher mill-atti tal-istess kawza. U

TALBU lil din l-Onorabbli Qorti:-

1. thassar u tirrevoka s-sentenza fuq precitata billi vizzjata kif fuq inghad ghat-tenur tal-artikoli 811(b),(c),(e) u (l) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili; u

2. tordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawza skond il-ligi u b'hekk wara l-istess ritrattazzjoni tiddeciedi billi tichad it-talbiet tal-konvenut;

Bl-ispejjez u l-ingunzjoni tal-konvenut nomine ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn eccepixxa illi

1. Preliminarjament il-garanti offert mhux wiehed idoneu.

2. Il-kawza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni giet deciza fil-Prim Istanza u l-fatti mressqa kienu a konoxxenza tal-atturi qabel ma ghadda z-zmien tal-appell u ghalhekk it-talba ta' ritrattazzjoni ghandha tigi michuda ghat-tenur tal-art 812 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

3. Illi fit-tielet lok l-esponenti jissottometti wkoll illi ghar-rigward tal-proceduri kontra Loredana Cilia, l-esponenti jiddikjara li huwa dispost jiddikjara li jirrinunzja ghall-effetti tas-sentenza fil-konfront ta' Loredana Cilia purche tikkonferma seduta stante li l-kontenut tad-dikjarazzjoni u li ma kienetx taf bl-ittra ufficjali u bil-kawza.

4. Illi fir-raba lok u minghajr pregudizzju ghal-premess u in linea sussidjarja jinghad illi:-

(a) qabel ma intavola l-Avviz meritu tal-kawza l-esponenti baghat ittra ufficjali fit-3 ta’ Lulju 1995 li ghaliha lanqas biss kien hemm risposta.

(b) Illi mhux necessarju li Iris Cilia tkun parti fil-kawza sabiex l-atti jkunu integri u f’kull kaz dan in-nuqqas ma jikkostitwiex bazi valida ghall-kawza ta’ ritrattazzjoni da parti tal-atturi.

(c) Ma sar ebda l-ebda zball fl-atti billi l-Qorti ezaminat il-provi mressqa quddiemha u kienet sodisfatta u wara li apprezzat il-provi prodotti, deherilha li kien hemm provi sufficjenti li kkonvincewha li l-konvenuti ghandhom responsabilita` ghad-danni mitluba.

Illi ghalhekk it-talbiet jirrikonvenjonali ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut nomine;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process u dawk tal-process allegat Avviz numru 1042/96 fl-ismijiet “Gasan Insurance Agency nomine –vs- Saviour u Loredana konjugi Cilia” deciz fis-17 ta’ Jannar 1997; u

Ikkunsidrat:-

Il-proceduri attakkati kienu gew istitwiti fil-konfront ta’ zewg konvenuti, Saviour Cilia u martu Loredana Cilia u ghalkemm dawn gew indikati bhala mizzewgin, jirrizulta definittivament illum illi fil-fatt huma missier u bintu.

Irrispettivament mill-parentela bejn dawk il-konvenuti, illum l-atturi, l-interess ta' wiehed f'din il-kawza hu separat u distint mill-interess ta' l-ohra.

Ghalhekk, billi l-konvenut nomine bid-dikjarazzjoni guramentata irrinunzja ghall-effetti ta' l-imsemmija sentenza tas-17 ta' Jannar 1997 fil-konfront ta' Loredana Cilia, u billi wkoll jirrizulta li fl-imsemmija proceduri l-istess Loredana ma kienetx giet innotifikata, il-Qorti qedgha tilqa' t-talbiet tal-istess Loredana Cilia u thassar u tirrevoka s-sentenza imsemmija tas-17 ta' Jannar 1997 moghtija fl-Avviz numru 1042/96 fl-ismijiet "Gasan Insurance Agency nomine –vs- Saviour u Loredana konjugi Cilia" u, stante ir-rinunzja imsemmija tal-konvenut nomine qedgha tichad it-talbiet tieghu dedotti kontra taghha fl-imsemmi avviz minghajr ebda htiega ta' ritrattazzjoni.

Ghal dak li jirrigwarda l-attur Saviour Cilia jirrizulta li l-ilmenti tieghu huma dawk previsti mill-incisi (c),(e) u (i) tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-istess Saviour Cilia kien gie regolarment notifikat bl-avviz fil-kawza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni.

Konsegwentement ma huwiex qed jippretendi li ma kienx jaf mas-sentenza tas-17 ta' Jannar 1997 b'xi wiehed mill-fatti li fuqhom qed jibbaza t-talba tieghu.  Inoltre, stante n-notifika regolari b'dawk il-proceduri, huwa definitivament kien jaf b'kull nuqqas li llum qed jirriskontra fl-avviz  u kellhu jkun jaf b'kull nuqqas li qed jallega fis-sentenza tas-17 ta' Jannar 1997 malli nghatat.

Huwa stabbilit li s-sentenza attakkata giet moghtija minn Qorti ta' l-ewwel grad u lahqet ghaddiet f'gudikat.  F'dan il-kaz, l-Artikolu 812 jipprovdi li r-ritrattazzjoni tista' ssir biss fil-kaz li l-parti nteressata tkun saret taf bil-fatti li fuqhom qed tibbaza t-talba ghar-ritrattazzjoni wara li ***jkun ghalaq iz-zmien tal-appell***.

Ghalhekk l-attur, li kif inghad kif jaf bl-imsemmija fatti kollha malli nghatat is-sentenza, kien prekluz milli jistitwixxi l-proceduri odjerni.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talbiet tal-attur.

Bl-ispejjez kontra l-istess attur, hlief dawk tal-attrici Loredana Cilia, illum Farouk, li huma a kariku tal-konvenut nomine."

Ir-ritrattand Saviour Cilia appella minn din is-sentenza bl-aggravji posti f'dawn it-termini:-

(1) L-ewwel Qorti ma setghetx tirrexxindi s-sentenza taghha fi tnejn u tannullaha fil-konfront ta' wiehed u zzommha shiha fir-rigward tal-iehor;

(2) Ma kien hemm l-ebda prova li l-konvenut kien jaf bis-sentenza li giet ottenuta kontra tieghu u ghalhekk it-terminu ma setghax jibda jghaddi u ma setghax jitqies li huwa kien jaf bil-fatti. Konsegwentement, skond l-appellant, fic-cirkostanzi partikolari l-artikolu 812 ma kellux jigi rez applikabbli ghal kaz in ispecje.

B'risposta s-socjeta` ritrattata ssottomettiet illi l-ewwel Qorti annullat is-sentenza di fronte ghal Loredana Cilia billi hi kienet irrinunzjat ghall-effetti tas-sentenza fil-konfront taghha. Issokta jigi precizat f'dan l-istess kuntest illi dik il-Qorti ma kienetx ordnat ir-ritrattazzjoni tal-kawza. Kwantu ghat-tieni aggravju gjaladarba l-appellant kien debitament notifikat bl-att tal-Avviz, l-fatti rilevanti kienu hekk minnu maghrufa fil-mument tal-istess notifika. Fir-rigward is-socjeta` appellanti tikkontendi illi jekk l-appellanti ghogbu jibqa' passiv, u sahansitra baqa' kontumaci, ma jistghax jippretendi li jaghmel dan in-nuqqas tieghu l-bazi ta' talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza.

Riferibilment ghall-ewwel aggravju jibda biex jigi osservat illi skond l-atti tal-kawza s-socjeta` appellata kienet eccepiet, u ddikjarat ukoll, illi hi kienet disposta tirrinunzja ghall-effetti tas-sentenza tas-17 ta' Jannar 1997 fil-kawza fl-ismijiet inversi (Avviz Numru 1042/96) di fronte ghall-konvenuta ritrattanda Loredana Cilia basta li din tikkonferma bil-gurament taghha li ma kienetx taf bl-ittra ufficcjali u bil-kawza. Konferma din li giet provvduta minn

din il-konvenuta fid-deposizzjoni guramentata taghha tal-15 ta’ Jannar 1998 (fol 22).

Is-sentenza issa attakkata segwiet il-binarju tar-rinunzja dikjarata u kkonkludiet li stante din ir-rinunzja kienet qed tichad it-talbiet tas-socjeta` appellata kontra l-imsemmija konvenuta.

L-artikolu 253 tal-Kap 12 jipprovdi li l-gudikati kollha huma konsidrati bhala titolu ezekuttivi u jsiru ezegwibbli sempliciment u purament ghaliex huma ‘res judicata’. Dan pero` ma jfisserx illi l-parti vincenti ma tistghax tirrinunzja ghall-effetti tas-sentenza di fronte ghal xi wiehed mill-partijiet sokkombenti fil-gudizzju. Rinunzja din li hemm bzonn li tkun cara u univoka u li timmanifesta l-intenzjoni fir-rinunzjant li huwa jrid jabdika d-dritt tieghu stabbilit u konfermat mill-gudikat. Fil-kaz in ezami r-rinunzja li saret mis-socjeta` appellata hi hekk manifestament cara tal-volonta` preciza ta’ din is-socjeta` li tabbanduna d-dritt taghha ghall-effetti tal-gudikat di fronte ghall-konvenuta Loredana Cilia mizzewwga Farouk. Kull ma ghamlet l-ewwel Qorti kien dak li tirregistra din l-istess rinunzja minghajr involviment tal-meriti jew tad-dimeriti tat-talba tar-ritrattazzjoni. Proceduralment allura din il-Qorti ma ssibx li s-sentenza appellata tista’ titqies censurabbli f’dan il-kuntest. L-aggravju fuq dan il-punt qieghed konsegwentement jigi respint.

B’introduzzjoni ghat-tieni aggravju din il-Qorti trid qabel xejn tippuntwalizza z-zewg enuncjazzjonijiet maghmula mill-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza tas-7 ta’ Dicembru 1964 in re “**Benjamin Sultana -vs- Giuseppe Sammut**” (**Kollez. Vol XLVIII pI p532**):-

(1) “Il-ligi fit-titolu dwar ir-ritrattazzjoni ma taghmelx distinzjoni bejn konvenuti li dehru u kkontestaw il-kawza u konvenuti li baqghu kontumaci u ma tikkommina ebda dekadenza minn dak ir-rimedju kontra l-kontumaci, sempliciment ghal dik ir-raguni. M’hemmx l-eskluzjoni tal-kontumaci ‘a priori’ minn dan ir-rimedju”.

(2) “Anqas il-fatt li ma jkunx sar appell mhux fih innifsu raguni ta’ eskluzjoni mir-ritrattazzjoni. Dak li l-ligi tipprovdi hu biss illi, fil-kaz ta’ talba ghar-ritrattazzjoni deciza b’sentenza tal-Qorti ta’ prim’istanza li tkun ghaddiet f’gudikat jenhtieg illi l-parti li titlob ir-ritrattazzjoni tkun giet taf bil-fatti li jaghtu lok ghaliha wara li jkun ghalaq iz-zmien ta’ l-appell. Naturalment jekk il-parti li titlob ir-ritrattazzjoni kienet taf bil-fatti li jaghtu lok ghaliha meta hi kienet ghadha utilment tinqeda bir-rimedju ordinarju ta’ l-appell hu sewwa li hi ma tkunx tista’ tigi ammessa li tezercita r-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni”.

Fuq din l-ahhar osservazzjoni hu xieraq li jigi sottolinejat ukoll illi, kif pacifikament akkolt, “ir-rimedju tar-ritrattazzjoni hu rimedju straordinarju u jidderoga ghall-principju tal-irrevokabilita` tal-gudikati; u ghalhekk ma jammettix interpretazzjoni estensiva” (**Kollez. Vol XXXIV pI p293**).

Premessi s-suesposti rilevanzi tal-principju, jidher li l-interpretazzjoni l-aktar konkordi tad-dispost tal-ligi fl-artikolu 812 tal-Kap 12 hi dik li r-ritrattand jenhtieglu jissodisfa ukoll bhala pre-kondizzjoni ghall-aditu tat-talba tieghu ghar-ritrattazzjoni illi hu sar jaf bil-fatti li jintitolawh iressaq talba bhal din wara li kien skorra z-zmien ta’ l-appell. Ghall-aktar approfondiment fuq din it-tematika ara sentenzi ta’ din il-Qorti kif presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet “**Arthur Taliana et -vs- Godwin Falzon pro et noe**”, Sede Inferjuri, 5 ta’ Marzu 2003 u dik l-ohra fl-ismijiet “**Vincent Azzopardi -vs- Blye Engineering Co. Ltd**”, Prim’Awla, 28 ta’ Jannar 2004.

Gja fid-decizjoni fl-ismijiet “**Joseph Cardona -vs- Marija Scicluna**”, Prim’Awla, per Imhallef Joseph Said Pullicino, 5 ta’ Ottubru 1994 kien gie rimarkat illi “il-bazi ta’ dan il-provvediment li jirregola l-istitut tar-ritrattazzjoni ssib l-ispirazzjoni taghha mill-principju kardinali li s-sistema gudizzjarju hu mibni fuq l-opportunita` ta’ appell wiehed minn sentenza ta’ l-ewwel grad u li ma hux permess hlief f’kazijiet eccezzjonali li l-Qorti terga’ tikkonsidra dak li jkun b’mod jew iehor ghadda in gudikat u jaghmel stat bejn il-partijiet. Hu ghalhekk li gustament il-ligi tal-procedura biex tiffavorixxi l-istat ta’ certezza ta’ dritt tkompli targina u

tillimita l-opportunita` ta’ ritrattazzjoni ta’ kawzi decizi mill-Qorti ta’ l-ewwel grad ghall-kazijiet eccezzjonali kif provvdut fl-Artikolu 812 fuq citat. Kazjiet li jezigu bhala rekwizit sine qua non illi l-parti tkun giet taf bil-fatt li mhabba fih tkun qed titlob ir-ritrattazzjoni wara li jkun ghalaq iz-zmien ta’ l-appell”.

Issa fil-kawza in diskussjoni jirrizulta mir-riferta fil-kawza per Avviz Numru 1042/96 li din il-Qorti ezaminat li r-ritrattand Saviour Cilia kien gie notifikat bl-att ta’ l-Avviz fil-5 ta’ Dicembru 1996. Ciononostante, l-appellant odjern naqas li jikkontesta t-talba tas-socjeta` appellanti.

Il-motivi li issa r-ritrattand adduca bhala bazi ghar-ritrattazzjoni huma dawk kontemplati taht is-subincizi (b)(c)(e) u(i) tal-artikolu 811 tal-Kap 12. Huwa jikkontendi illi n-notifika tal-proceduri ma tammontax ghan-notifika tas-sentenza. Dan huwa veru izda b’daqshekk m’ghandux ukoll ifisser illi hu ma kienx jaf bis-sentenza ghax hu messu kien jaf biha kieku ndenja ruhu jidher quddiem il-Qorti biex jikkontesta t-talba jew ghallanqas li jsegwi l-perkors taghha. Certament, fil-fehma ta’ din il-Qorti huwa ma jistghax jippretendi li ghall-inerzja tieghu ghandu jigi premjat bir-rimedju tar-ritrattazzjoni. Proprju ghax straordinarju dan ir-rimedju, ma jidherx li hu miftuh lil kull min jommetti d-difiza jew ihalli l-kawza tigi deciza u t-terminu ta’ l-appell jiddekorri biex imbaghad jirrikorri ghall-istess rimedju. Kif rilevat fis-sentenza fl-ismijiet “**Attilio Crescuoli noe -vs- Negte Salvatore Zammit**”, Qorti Kummerc, 21 ta’ Frar 1920 (**Vol XXIV pIII p780**), “gli attori doveano almeno verificare che cosa fosse divenuto della causa ed avrebbero potuto facilmente verificare che la sentenza era stata data in tempo utile per la interposizione dell’appello. Gli attori non pretendono che i fatti dai quali a loro giudizio, risultano i motivi per la ritrattazione siano venuti a loro cognizione dopo il decorrimento del termine per l‘appello, ma bensi di non essersi curati di verificare, in tempo utile, che cosa fosse divenuto della causa e di essere venuti in cognizione della sentenza,dopo trascorso il termine per l’appello”.

Dan jista’ ugwalment jghodd fil-kaz in disamina billi minn imkien mill-atti tal-kawza ma jirrizulta illi l-atturi ritrattandi saru jafu bil-fatti wara li din kienet ghaddiet in gudikat u kien iddekorra t-terminu tal-appell. L-appellanti nnifsu ma xehedx u lanqas gab provi dwar x’kienu l-fatti. Jigi allura li hu naqas li jissodisfa l-pre-kondizzjoni stabbilita mil-ligi illi hu sar jaf bil-fatti wara li s-sentenza ritrattanda ghaddiet in gudikat. Din il-mankanza tieghu ma tistghax issa sservih ta’ pretest ghall-finijiet tar-rimedju tar-ritrattazzjoni. Sewwa ghalhekk gie kummentat mis-socjeta` appellata illi l-appellant ma setghax, ghat-traskuragni tieghu, jippretendi li jinjora d-dispost ta’ l-artikolu 812 biex minflok jippretendi b’jedd li ghandu jkollu aditu ghar-rimedju tas-smiegh mill-gdid tal-kawza.

Jekk, kif pacifikament ricevut, ma jistax jigi permess li taht il-pretest tar-ritrattazzjoni l-litigant sokkombent jerga’ jiftah il-kawza u b’hekk indirettament krejat tribunal tat-Tielet Istanza (**Kollez. Vol XLII pI p227**), dan hu maggorment hekk il-kaz fejn l-istess sokkombent ma jkunx, imbaghad, fil-kaz ta’ sentenza ta’ l-ewwel istanza, ipprevalixxa ruhu mir-rimedju ta’ l-appell fiz-zmien utili.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell interpost u b’hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza a karigu tal-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------